KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
COLLINS
ippreżentati fid-9 ta' Ġunju 2022 [1]

Kawża C-243/21

'TOYA' sp. z o.o.,
Polska Izba Informatyki i Telekomunikacji
vs
Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej,
intervenjent fil-kawża:
Polska Izba Komunikacji Elektronicznej

(talba għal deċiżjoni preliminari mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Telekomunikazzjonijiet – Direttiva 2014/61/UE – Artikolu 3 – Setgħa tal-awtorità regolatorja nazzjonali li timponi kundizzjonijiet relatati ma' aċċess għall-infrastruttura fiżika fuq operatur li ma jkollux setgħa sinjifikattiva fis-suq – Assenza ta' tilwima dwar l-aċċess – Artikolu 1(3) – Armonizzazzjoni minima"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja) tqajjem żewġ kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2014/61/UE dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja [2]. L-ewwel, meta moqrija fid-dawl tad-Direttiva 2002/21/KE dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) [3] u tad-Direttiva 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva ta' l-Aċċess) [4], id-Direttiva 2014/61 tipprekludi awtorità regolatorja nazzjonali milli timponi kundizzjonijiet fuq fornitur ta' network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li ma għandux setgħa sinjifikattiva fis-suq (iktar 'il quddiem "SSS") fis-suq rilevanti? It-tieni, id-Direttiva 2014/61 tipprekludi awtorità regolatorja nazzjonali milli timponi kundizzjonijiet fuq l-operaturi tat-telekomunikazzjoni biex jippermettu aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħhom fl-assenza ta' tilwima dwar tali aċċess?

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU 2014, L 155, p. 1).

[3] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), kif emendata (iktar 'il quddiem id-"Direttiva Qafas").

[4] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 323), kif emendata (iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-Aċċess").

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva Qafas

2. Il-preambolu tad-Direttiva Qafas jistabbilixxi, *inter alia*, l-għanijiet li ġejjin:

"(25) Hemm il-ħtieġa ta' obbligazzjonijiet minn qabel f'ċerti ċirkostanzi sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' suq kompetitttiv. It-tifsira ta' [SSS] fid-Direttiva 97/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1997 dwar interkonnessjoni fit-telekomunikazzjonijiet fir-rigward ta' l-assigurazzjoni ta' servizz universali u interoperabilità permess ta' l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-provista ta' retikolt miftuħ (ONP) […] kienet effiċjenti fl-istadji inizjali tal-ftuħ tas-suq bħala limitu għall-obbligazzjonijiet, iżda issa hija meħtieġa li tiġi adattata biex isservi swieq aktar komplessi u dinamiċi. Għal din ir-raġuni, t-tifsira wżata f'din id-Direttiva hija ekwivalenti għall-konċett ta' dominanza kif definit fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja [u tal-Qorti Ġenerali] tal-Komunitajiet Ewropej.

[…]

(27) Huwa essenzjali li obbligazzjonijiet regolatorji minn qabel għandhom jiġu imposti biss fejn ma jkunx hemm kompetizzjoni effettiva, jiġifieri fi swieq fejn ikun hemm impriża waħda jew aktar b'saħħa sinifikanti fis-suq, u fejn ir-rimedji tal-liġi tal-kompetizzjoni nazzjonali jew tal-Komunità ma jkunux suffiċjenti biex jindirizzaw dik il-problema. […]"

3. Il-Kapitolu III tad-Direttiva Qafas huwa intitolat "Xogħlijiet ta' l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji". L-Artikolu 8 tiegħu jistabbilixxi miri politiċi u prinċipji regolatorji. L-Artikolu 8(5)(f) jipprovdi li awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimponu obbligi regolatorji *ex ante* biss fejn ma jkunx hemm kompetizzjoni effettiva u sostenibbli. Ladarba dik il-kundizzjoni tkun ġiet issodisfatta, għandhom jirrilaxxaw jew ineħħu tali obbligi.

4. Il-Kapitolu IV tad-Direttiva Qafas huwa intitolat "Disposizzjonijiet Ġenerali". L-Artikolu 14 jiddefinixxi s-SSS. L-Artikolu 16 jiddeskrivi l-proċedura ta' analiżi tas-suq li awtorità regolatorja nazzjonali għandha twettaq sabiex tiddetermina jekk suq rilevanti huwiex effettivament kompetittiv: fejn suq ma jkunx effettivament kompetittiv, l-awtorità regolatorja nazzjonali trid tidentifika impriżi b'SSS f'dak is-suq.

2. Id-Direttiva tal-Aċċess

5. Skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Aċċess:

"Fejn operatur huwa identifikat bħala li jkollu [SSS] f'suq speċifiku bħala riżultat ta' l-analiżi tas-suq imwettaq skond Artikolu 16 tad-Direttiva [Qafas], l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimponu l-obbligi stipulati f'Artikoli 9 sa 13 ta' din id-Direttiva kif xieraq".

6. L-obbligi stipulati fl-Artikoli 9 sa 13 tad-Direttiva tal-Aċċess għandhom x'jaqsmu ma': (i) trasparenza, inkluż ir-rekwiżit li operatur jippubblika offerta ta' referenza[5]; (ii) nondiskriminazzjoni; (iii) separazzjoni tal-kontabbiltà; (iv) aċċess għal, u użu ta', faċilitajiet ta' network speċifiċi; u (v) kontroll tal-prezzijiet u kontabbiltà tal-ispejjeż.

7. L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Aċċess jipprovdi li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) u tal-Artikoli 6 tagħha, u tal-Artikoli 12 u 13 tad-Direttiva Qafas, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ma għandhomx jimponu l-obbligi imniżżla fl-Artikoli 9 sa 13 tad-Direttiva tal-Aċċess fuq operaturi li ma jkunux ġew identifikati bħala li għandhom SSS fuq suq speċifiku.

3. Id-Direttiva 2014/61

8. Il-preambolu tad-direttiva jispjega l-għanijiet tagħha kif ġej:

"(6) Filwaqt li tieħu kont tal-ħtieġa li tittieħed azzjoni fil-livell tal-Unjoni biex tingħata kopertura aħjar tal-broadband, inkluż billi tonqos l-ispiża tal-infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja kif riflessa permezz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2012, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bl-isem 'l-Att dwar is-Suq Uniku II' tenfasizza l-ħtieġa għal aktar sforzi biex jinkisbu malajr l-objettivi stabbiliti fl-Aġenda Diġitali billi, fost l-oħrajn, tiġi indirizzata l-isfida ta' investiment fin-netwerk b'veloċità għolja.

(7) L-introduzzjoni ta' netwerks fissi u mingħajr fili tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja madwar l-Unjoni teħtieġ investimenti sostanzjali, li proporzjon sinifikanti tagħhom jirrappreżenta l-ispiża tax-xogħlijiet tal-inġinerija ċivili. Ir-restrizzjoni ta' wħud mix-xogħlijiet ta' inġinerija ċivili li jiswew ħafna flus ittejjeb l-effikaċja tal-introduzzjoni tal-broadband.

(8) Parti kbira minn dawk l-ispejjeż tista' tiġi attribwita għall-ineffiċjenzi fil-proċess tal-introduzzjoni marbut mal-użu tal-infrastruttura passiva eżistenti (bħal pereżempju kanali, pajpijiet flessibbli, toqob tal-ispezzjonar, kaxxi, lasti, arbli, installazzjonijiet tal-antenni, torrijiet u strutturi oħra ta' appoġġ), ostakoli marbuta mal-koordinazzjoni tax-xogħlijiet ċivili, proċeduri amministrattivi onerużi għall-għoti ta' permessi, u xkiel marbut mal-installazzjoni ta' netwerks fil-bini, li jwasslu għal ostakoli finanzjarji kbar, b'mod partikolari fiż-żoni rurali.

(9) Miżuri bil-għan li jżidu l-effiċjenza fl-użu tal-infrastrutturi eżistenti u li jnaqqsu l-ispejjeż u x-xkiel biex isiru xogħlijiet ġodda tal-inġinerija ċivili, għandhom jagħtu kontribut sostanzjali biex tkun żgurata l-installazzjoni rapida u estensiva ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja filwaqt li tinżamm kompetizzjoni effettiva, mingħajr ma jintlaqtu ħażin is-sikurezza, is-sigurtà u l-operazzjonijiet bla xkiel tal-infrastrutturi pubbliċi eżistenti.

(10) Uħud mill-Istati Membri adottaw miżuri maħsuba biex inaqqsu l-ispejjeż tal-introduzzjoni tal-broadband. Madankollu dawk il-miżuri jibqgħu skarsi u mferrxin. Progress f'dawk il-miżuri madwar l-Unjoni jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-istabbiliment ta' suq uniku diġitali. Barra minn hekk, id-differenzi fir-rekwiżiti regolatorji xi drabi jipprevjenu l-kooperazzjoni fost l-utilitajiet u jistgħu jkunu ta' xkiel biex jidħlu operaturi ġodda

[5] L-Artikolu 9(2) u (4) tad-Direttiva tal-Aċċess.

tan-netwerks u għal opportunitajiet ġodda tan-negozju, u b'hekk ifixklu l-iżvilupp ta' suq intern għall-użu u l-installazzjoni ta' infrastrutturi fiżiċi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Fl-aħħar nett, l-inizjattivi fil-livell tal-Istati Membri mhux dejjem jidhru olistiċi, iżda huwa essenzjali li tittieħed azzjoni matul il-proċess kollu tal-introduzzjoni, u fost is-setturi, sabiex jinkiseb impatt koerenti u sinifikanti.

(11) Din id-Direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi ċerti drittijiet u obbligi minimi applikabbli madwar l-Unjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja u l-koordinazzjoni bejn is-setturi. Filwaqt li jkunu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni minimi, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-aqwa prattiki u miżuri eżistenti adottati fil-livell nazzjonali u f'dak lokali li jinvolvu aktar dispożizzjonijiet u kondizzjonijiet dettaljati kif ukoll miżuri addizzjonali li jikkumplementaw dawk id-drittijiet u l-obbligi, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

[…]

(13) Jista' jkun ħafna aktar effiċjenti għall-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari membri ġodda, biex jerġgħu jużaw l-infrastrutturi fiżiċi eżistenti, inklużi dawk ta' utilitajiet oħra, sabiex jintroduċu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari f'żoni li m'għandhom ebda netwerk tal-komunikazzjoni elettronika adatt jew fejn ma jkunx ekonomikament vijabbli li tinbena infrastruttura fiżika ġdida. Barra minn hekk, is-sinerġiji bejn is-setturi jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-ħtieġa għal xogħlijiet ċivili minħabba l-installazzjoni tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika u għaldaqstant jitnaqqsu wkoll l-ispejjeż soċjali u ambjentali marbuta magħhom, bħat-tniġġis, l-inkonvenjenzi u l-konġestjoni tat-traffiku. Għalhekk, din id-Direttiva għandha tapplika mhux biss għall-forniturі tan-netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni iżda wkoll għal kwalunkwe sid jew detentur tad-drittijiet għall-użu, fil-każ ta' dan tal-aħħar mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-proprjetà ta' kwalunkwe parti terza, ta' infrastrutturi fiżiċi li huma estensivi u li jinsabu kullimkien, adegwati biex jospitaw elementi ta' netwerk tal-komunikazzjoni elettronika, bħan-netwerks fiżiċi għall-provvista tal-elettriku, il-gass, l-ilma, id-dranaġġ u s-sistemi ta' dranaġġ, it-tisħin u s-servizzi ta' trasport.

(14) Bil-ħsieb li titjieb l-installazzjoni tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja fis-suq intern, din id-Direttiva għandha tistabbilixxi drittijiet għall-forniturі tan-netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni biex jaċċessaw l-infrastruttura fiżika irrispettivament mil-lokalità tagħha taħt termini ġusti u raġonevoli konsistenti mal-eżerċizzju normali tad-drittijiet tal-proprjetà. L-obbligu li jingħata aċċess għall-infrastruttura fiżika għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' sid l-art jew sid il-bini li fiha tinsab l-infrastruttura."

9. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/61, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni" jistipula li:

"1. Din id-Direttiva għandha l-għan li tiffaċilita u tinċentiva l-introduzzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja billi tippromovi l-użu konġunt ta' infrastrutturi fiżiċi eżistenti u billi tippermetti installazzjoni aktar effiċjenti ta' infrastrutturi fiżiċi ġodda sabiex tali netwerks ikunu jistgħu jinfirxu bi spiża aktar baxxa.

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi marbuta ma' xogħlijiet ċivili u infrastruttura fiżika, bil-għan li tapprossimizza ċerti aspetti tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri f'dawk l-oqsma.

3. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri f'konformità mad-dritt tal-Unjoni li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti b'din id-Direttiva bil-għan li jintlaħaq aħjar l-għan imsemmi fil-paragrafu 1.

4. Jekk xi dispożizzjoni ta' din id-Direttiva tkun f'konflitt ma xi dispożizzjoni tad-Direttiva [Qafas], id-Direttiva [tal-Aċċess], id-Direttiva 2002/20/KE[6], id-Direttiva 2002/22/KE[7] jew id-Direttiva 2002/77/KE[8], id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk id-Direttivi għandhom ikunu prevalenti."

10. Permezz tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/61:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull operatur tan-netwerk ikollu d-dritt li joffri lil impriżi awtorizzati li jipprovdu jew li huma awtorizzati jipprovdu netwerks ta' komunikazzjoni elettronika, aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu bil-ħsieb li jiġu installati elementi ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Min-naħa tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu d-dritt li operaturi ta' netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni joffru aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħhom bil-ħsieb li jiġu installati netwerks li mhumiex netwerks ta' komunikazzjoni elettronika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni tagħmel talba bil-miktub, kwalunkwe operatur tan-netwerk ikollu l-obbligu li jwieġeb għat-talbiet raġonevoli kollha għal aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu skont termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, bil-ħsieb li jiġu installati elementi ta' netwerks ta' komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Tali talba bil-miktub għandha tispeċifika l-elementi tal-proġett li għalih ikun intalab aċċess, inkluż perijodu ta' żmien speċifiku.

[…]

5. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmi fil-paragrafu 4, biex joħroġ, filwaqt li jieħu kont tal-prinċipju tal-proporzjonalità, deċiżjoni vinkolanti biex isolvi t-tilwim mibdi skont il-paragrafu 4, inkluż l-istabbiliment ta' termini u kundizzjonijiet, inklużi prezzijiet ġusti u raġonevoli fejn xieraq.

Il-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jsolvi t-tilwim fl-iqsar żmien possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien erba' xhur mid-data tar-riċevuta tat-talba kompluta għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti tirreferi l-każ lil qorti.

Meta t-tilwim jirrigwarda l-aċċess għall-infrastruttura ta' fornitur ta' netwerk ta' komunikazzjoni elettronika u l-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim ikun awtorità regolatorja, huwa għandu, fejn adatt, jikkunsidra l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva [Qafas]. […]

[…]"

[6] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337).

[7] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367).

[8] Direttiva tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2002 dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 178).

11. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/61 jippreċiża li l-impriżi li jipprovdu networks pubbliċi ta' komunikazzjoni għandhom id-dritt ta' aċċess, fuq talba, għal informazzjoni minima dwar l-infrastruttura fiżika eżistenti ta' kwalunkwe operatur tan-network.

B. Id-dritt Pollakk

12. L-Artikolu 17(1) u (2) tal-Ustawa o wspieraniu rozwoju usług i sieci telekomunikacyjnych (il-Liġi tas-7 ta' Mejju 2010 dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp ta' Servizzi u Networks tat-Telekomunikazzjoni; iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp"), jipprovdi:

"1. L-operatur tan-network għandu jipprovdi lill-impriżi tat-telekomunikazzjoni b'aċċess għall-infrastruttura fiżika, inkluż il-kondiviżjoni tagħha, sabiex juża network ta' telekomunikazzjoni ta' veloċità għolja.

2. L-aċċess għall-infrastruttura fiżika għandu jkun suġġett għal ħlas, sakemm il-partijiet fil-kuntratt ma jaqblux mod ieħor."

13. L-Artikolu 18(1) sa (3) u (6) sa (8) tal-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp jipprovdi li:

"1. Il-kundizzjonijiet għal aċċess għall-infrastruttura fiżika, inklużi l-kundizzjonijiet tekniċi, operazzjonali u finanzjarji ta' kooperazzjoni, għandhom jiġu ddeterminati mill-partijiet f'kuntratt għal aċċess għall-infrastruttura fiżika, li għandu jiġi konkluż bil-miktub, u fin-nuqqas ta' dan ikun null u vojt.

2. Il-President tal-UKE[9] jista' jitlob lill-operatur tan-network biex jipprovdi informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika.

3. Wara li l-operatur tan-network ikun ippreżenta informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika, il-President tal-UKE, li jaġixxi skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 22(1) sa (3), jista' jistabbilixxi, permezz ta' deċiżjoni, il-kundizzjonijiet biex jiġi pprovdut aċċess għall-infrastruttura fiżika. L-Artikolu 22(4) għandu japplika *mutatis mutandis*.

[…]

6. Operatur tan-network li tkun inħarġitlu deċiżjoni dwar id-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika għandu jkun meħtieġ jikkonkludi l-kuntratti msemmija fil-paragrafu 1 b'kundizzjonijiet li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk stabbiliti f'dik id-deċiżjoni.

7. Operatur tan-network li jkun inħarġitlu deċiżjoni dwar id-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika għandu jippubblika fuq is-sit tiegħu l-kundizzjonijiet attwali għall-provvista ta' dak l-aċċess.

8. Operatur tan-network li jkun inħarġitlu deċiżjoni dwar id-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika għandu jipprovdi lill-President tal-UKE l-informazzjoni fl-indirizz tas-sit tiegħu fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni fuq is-sit tal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-provvista ta' dak l-aċċess. L-informazzjoni relatata mal-indirizz tas-sit għandha tkun disponibbli mill-punt ta' informazzjoni dwar it-telekomunikazzjonijiet

[9] Definit f'punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet.

fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja, iktar ’il quddiem il-‘punt ta’ informazzjoni dwar it-telekomunikazzjonijiet’ […]”

14. L-Artikolu 22(1) sa (3) tal-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp jistipula li:

“1. Il-President tal-UKE għandu joħroġ deċiżjoni dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika f’perjodu ta’ 60 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba għal tali aċċess, filwaqt li jqis b’mod partikolari l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet mhux diskriminatorji u proporzjonati għall-aċċess.

2. Il-President tal-UKE għandu, meta joħroġ deċiżjoni dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika ta’ impriża tat-telekomunikazzjoni, jiżgura li t-tariffi għal tali aċċess jippermettu r-rimbors tal-ispejjeż imġarrba minn dik l-impriża, b’kont meħud, b’mod partikolari, tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21 u tal-impatt tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika fuq il-pjan tan-negozju ta’ din l-impriża tat-telekomunikazzjoni, b’mod partikolari fuq l-investimenti li hija għamlet f’networks ta’ telekomunikazzjonijiet ta’ veloċità għolja.

3. L-imposti għal aċċess għall-infrastruttura fiżika ta’ entità li twettaq kompiti fl-interess pubbliku għandhom jiġu stabbiliti għal ammont li jagħmel possibbli r-rimbors ta’ parti mill-ispejjeż li l-entità ġġarrab fiż-żamma ta’ dik l-infrastruttura”.

III. It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15. Skont l-Artikolu 17 tal-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp, fl-10 ta’ Mejju 2017 il-Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej (il-President tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Polonka, iktar ’il quddiem il-“President tal-UKE”) talab lil TOYA, sp. z o.o., kumpannija tat-telekomunikazzjoni u operatur tan-network, biex tipprovdi informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għal aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħha. Fis-6 ta’ Diċembru 2017, il-President tal-UKE fetaħ proċedura amministrattiva sabiex tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika ta’ TOYA. Bejn it-8 ta’ Marzu u s-7 ta’ April 2018, u bejn it-3 ta’ Lulju u t-2 ta’ Awwissu 2018, rispettivament, il-President tal-UKE wettaq żewġ konsultazzjonijiet separati fil-kuntest ta’ din il-proċedura. Fil-11 ta’ Settembru 2018, il-President tal-UKE ħa deċiżjoni, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 2014/61, li tirrikjedi li TOYA tkun lesta tidħol f’kuntratti u taċċetta talbiet għal aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħha (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”). F’dik id-data, il-President tal-UKE adotta sitt deċiżjonijiet simili fir-rigward ta’ sitt operaturi oħra tat-telekomunikazzjoni.

16. Id-deċiżjoni kkontestata tippreċiża li l-bażi legali tagħha huwa, *inter alia*, l-Artikolu 18(3) tal-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp, moqri flimkien mal-Artikolu 17 tagħha. Hija tiddefinixxi l-kundizzjonijiet għal aċċess għall-infrastruttura fiżika ta’ TOYA fir-rigward tal-kanali tal-kejbil (Anness 1) u fir-rigward tal-kanali tat-telekomunikazzjoni fil-bini (Anness 2). Din tirrikjedi li TOYA tiżgura li hija lesta tikkonkludi kuntratti qafas u kuntratti speċifiċi u li taċċetta mistoqsijiet dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika skont il-kundizzjonijiet għal aċċess imsemmija hawn fuq.

17. Id-deċiżjoni kkontestata tippreċiża li l-invokazzjoni tal-Artikolu 17(1) tal-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp bħala l-bażi legali tagħha hija ġġustifikata sabiex jiġi żgurat li l-impriżi tat-telekomunikazzjoni jkollhom aċċess għal infrastruttura fiżika, li jinkludi l-qsim ta’ din l-infrastruttura, sabiex jimplimentaw n-network tat-telekomunikazzjoni b’veloċità għolja. Taħt l-intestatura ta’ għanijiet regolatorji, id-deċiżjoni kkontestata tippreċiża li l-President tal-UKE ħa

inkunsiderazzjoni numru ta' dokumenti strateġiċi, fosthom l-Aġenda Diġitali msemmija fil-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-għanijiet stabbiliti fid-Direttiva 2014/61, b'mod partikolari dawk stabbiliti fil-premessi 4 sa 9 tagħha. Id-deċiżjoni kkontestata tippreċiża wkoll li hija se tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tat-termini, il-proċeduri u r-rati tas-suq assoċjati mal-aċċessibbiltà ta' dawn il-kanali.

18. Id-deċiżjoni kkontestata tirreferi għal oġġezzjoni mqajma mill-PIKE [10] fis-sens li kien hemm ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward ta' entitajiet b'sehem żgħir tas-suq li fir-rigward tagħhom ma kinux ġew identifikati problemi tas-suq. Bħala tweġiba, id-deċiżjoni kkontestata ċċarat li l-proċedura quddiem il-President tal-UKE kienet tikkonċerna r-riżoluzzjoni ta' tilwim dwar l-aċċess għall-kanali tal-kejbils. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet li taħthom il-President tal-UKE huwa intitolat li joħroġ deċiżjonijiet li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-infrastruttura fiżika, il-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp la tirreferi għall-iskala tal-infrastruttura miżmuma, u lanqas għan-numru ta' tilwim.

19. Id-deċiżjoni kkontestata tirreferi wkoll għar-rekwiżiti tal-Artikolu 22(1) u (2) tal-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp li jirrikjedu li l-President tal-UKE għandu joħroġ deċiżjoni fir-rigward tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika li tieħu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet għall-aċċess ma humiex diskriminatorji u li huma proporzjonati u li jiġu stabbiliti tariffi f'livell li jagħmilha possibbli għal impriża tat-telekomunikazzjoni li tirkupra l-ispejjeż imġarrba biex tipprovdi tali aċċess. Dan jinkludi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-għanijiet tal-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas.

20. TOYA kkontestat id-deċiżjoni kkontestata quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja). TOYA tqis li, skont l-Artikolu 3(2) u (5) u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/61, kif ukoll il-premessa 12 tagħha, moqrija flimkien mal-Artikolu 8(2) u (3) tad-Direttiva tal-Aċċess u l-Artikolu 8 (5)(f) tad-Direttiva Qafas, awtorità regolatorja nazzjonali tista' tirrikjedi biss lill-operaturi tat-telekomunikazzjoni b'SSS li jippubblikaw offerta ta' referenza fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Aċċess. Id-deċiżjoni kkontestata tmur kontra d-dritt tal-Unjoni peress li ma saret l-ebda analiżi tas-suq sabiex jiġi stabbilit li TOYA għandha SSS, u lanqas ma teżisti tilwima dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika fis-sens tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/61.

21. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata u, b'mod partikolari, dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2014/61 fid-dawl tad-Direttiva tal-Aċċess. Barra minn hekk, peress li din id-direttiva u d-Direttiva Qafas ġew imħassra u ssostitwiti bid-Direttiva

[10] Il-Polska Izba Komunikacji Elektronicznej w Warszawie (PIKE) (il-Kamra Pollakka tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (PIKE), Varsavja, il-Polonja) għamlet osservazzjonijiet fil-kawża quddiem il-President tal-UKE u tappoġġja lil TOYA fil-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju. Il-Polska Izba Informatyki i Telekomunikacji (PIIT) (il-Kamra Pollakka tat-Teknoloġija tal-Informatika u t-Telekomunikazzjonijiet (PIIT), il-Polonja) appellat ukoll mid-deċiżjoni kkontestata. Filwaqt li l-qorti tar-rinviju għaqdet iż-żewġ appelli, ir-raġunijiet invokati mill-PIIT ma humiex rilevanti għal din ir-rinviju.

(UE) 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi[11], il-qorti tar-rinviju tistaqsi liema direttivi tal-Unjoni huma applikabbli. Għalhekk hija ssospendiet il-proċeduri u għamlet id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) "L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva [tal-Aċċess] moqri flimkien mal-Artikolu 3(5) kif ukoll mal-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva [2014/61] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil awtorità regolatorja nazzjonali milli tkun tista' timponi fuq operatur li għandu infrastruttura teknika u li fl-istess waqt huwa fornitur ta' servizzi jew ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li huma pubblikament disponibbli u li ma ntgħażilx bħala operatur li għandu [SSS], l-obbligu li japplika l-kundizzjonijiet stabbiliti *ex ante* mill-istess awtorità u li jirregolaw il-modalitajiet ta' aċċess għall-infrastruttura teknika ta' dan l-operatur, inklużi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-konklużjoni ta' kuntratti kif ukoll it-tariffi għall-aċċess applikati, indipendentement mill-eżistenza ta' tilwima dwar aċċess għall-infrastruttura teknika ta' dan l-operatur kif ukoll mill-eżistenza ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq?

Alternattivament (verżjoni II):

(2) L-Artikolu 67(1) u (3) moqri flimkien mal-Artikolu 68(2) u (3) tad-Direttiva [2018/1972] moqri flimkien mal-Artikolu 3(5) kif ukoll mal-Artikolu 1(3) u (4) tad-[Direttiva 2014/61], għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil korp regolatorju nazzjonali milli jkun jista' jimponi fuq operatur li għandu infrastruttura teknika u li fl-istess waqt huwa fornitur ta' servizzi jew ta' networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li huma pubblikament disponibbli u li ma ntgħażilx bħala operatur li għandu [SSS], l-obbligu li japplika l-kundizzjonijiet stabbiliti *ex ante* mill-istess awtorità u li jirregolaw il-modalitajiet ta' aċċess għall-infrastruttura teknika ta' dan l-operatur, inklużi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-konklużjoni ta' kuntratti kif ukoll it-tariffi għall-aċċess applikati, indipendentement mill-eżistenza ta' tilwima dwar aċċess għall-infrastruttura teknika ta' dan l-operatur kif ukoll mill-eżistenza ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq?"

22. TOYA, il-President tal-UKE, il-Gvern Grieg u l-Gvern Pollakk, u l-Kummissjoni Ewropea, ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

IV. Analiżi legali

A. Il-portata tar-rinviju

23. Għandi tliet osservazzjonijiet preliminari x'nagħmel dwar il-portata tar-rinviju, bl-ewwel waħda tikkonċerna d-dubji li l-qorti tar-rinviju għandha dwar liema mid-direttivi tal-Unjoni tapplika *ratione temporis*.

24. Id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata fil-11 ta' Settembru 2018. Kif josservaw il-qorti tar-rinviju u TOYA, hija baqgħet tipproduċi effetti wara li l-Artikolu 125 tad-Direttiva 2018/1972, fil-21 ta' Diċembru 2020, ħassar kemm id-Direttiva Qafas kif ukoll id-Direttiva tal-Aċċess.

[11] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 (ĠU 2018, L 321, p. 36, rettifiki fil-ĠU 2019, L 334, p. 164, u fil-ĠU 2020, L 419, p. 36).

25. Id-Direttiva Qafas u d-Direttiva tal-Aċċess kienu fis-seħħ fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk huma rilevanti sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali li fuqhom hija bbażata din id-deċiżjoni. Id-Direttiva 2018/1972 għadha fis-seħħ fid-data ta' dawn il-konklużjonijiet, u ma hemm l-ebda dubju dwar l-applikabbiltà tagħha.

26. Minn dan jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għall-ewwel, u mhux għat-tieni, domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju.

27. It-tieni, l-osservazzjonijiet ippreżentati minn TOYA, mill-President tal-UKE u mill-Gvern Pollakk jinkludu analiżi ddettaljata tad-deċiżjoni kkontestata u tal-bażi legali tagħha [12]. Madankollu, kif TOYA stess tirrikonoxxi, fil-kuntest ta' proċedura skont l-Artikolu 267 TFUE, ibbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kif ukoll biex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali [13]. Ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar in-natura jew il-karatteristiċi ta' deċiżjoni nazzjonali jew il-bażi li fuqha tistrieħ fid-dritt nazzjonali.

28. It-tielet, l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni jispjegaw li s-setgħat ta' awtorità regolatorja nazzjonali li timponi kundizzjonijiet *ex ante* abbażi tad-Direttiva 2014/61 huma suġġetti għar-rispett ta' ċerti prinċipji u l-osservanza ta' ċerti rekwiżiti proċedurali li jirriżultaw minn din id-direttiva, mid-Direttiva Qafas, mid-Direttiva tal-Aċċess u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Mid-digriet tar-rinviju ma jirriżultax li l-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiċċara din il-kwistjoni. Jirriżulta wkoll li l-ebda waħda mill-partijiet l-oħra ma indirizzatha fl-osservazzjonijiet tagħha. Għal dawn ir-raġunijiet, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma għandhomx għalfejn jikkonċernaw lill-Qorti tal-Ġustizzja.

B. L-ewwel domanda

29. Kif tindika l-introduzzjoni, l-ewwel domanda tidher li tikkonsisti f'żewġ elementi. L-ewwel, meta tinqara flimkien mad-Direttiva tal-Aċċess, id-Direttiva 2014/61 tipprekludi awtorità regolatorja nazzjonali milli timponi kundizzjonijiet għal aċċess fuq fornitur ta' network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li ma jkollux SSS? It-tieni, id-Direttiva 2014/61 tipprekludi awtorità regolatorja nazzjonali milli timponi tali kundizzjonijiet fl-assenza ta' tilwima dwar l-aċċess għal infrastruttura fiżika?

30. TOYA tqis li dawn iż-żewġ elementi għandhom jingħataw risposta fl-affermattiv [14]. Il-President tal-UKE, il-Gvern Griegi u dak Pollakk u l-Kummissjoni ma jaqblux, iżda għal raġunijiet differenti. Il-Gvern Grieg u l-Kummissjoni jistrieħu fuq interpretazzjoni testwali u kuntestwali tad-direttivi rilevanti. Il-President tal-UKE u l-Gvern Pollakk jiffokaw

[12] TOYA tqis li d-deċiżjoni kkontestata għandha l-karatteristiċi kollha ta' deċiżjoni indirizzata lil operatur b'SSS iżda li hija nieqsa mill-karatteristiċi ta' deċiżjoni li tirrigwarda r-riżoluzzjoni ta' tilwima ta' aċċess skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/61. Il-Gvern Pollakk u l-President tal-UKE ma jaqblux. Huma jindikaw il-fatt li d-Direttiva tal-Aċċess u d-Direttiva Qafas, minn naħa, u d-Direttiva 2014/61 min-naħa l-oħra, ġew trasposti fid-dritt Pollakk permezz ta' żewġ liġijiet differenti, jiġifieri l-Ustawa r. prawo telekomunikacyjne (il-Liġi tas-16 ta' Lulju 2004 dwar it-Telekomunikazzjoni) u l-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp. Hemm differenzi sinjifikattivi taħt il-liġi Pollakka bejn offerti ta' referenza ppubblikati minn operaturi b'SSS skont l-Artikolu 42 tal-Liġi dwar it-Telekomunikazzjoni u deċiżjonijiet dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika fis-sens tal-Artikoli 17 u 18 tal-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp. Huma tal-fehma li d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lill-President tal-UKE mill-Artikoli 17 u 18 tal-Liġi dwar l-Appoġġ għall-Iżvilupp, liema dispożizzjonijiet jimplimentaw id-Direttiva 2014/61.

[13] Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Raiffeisen Bank u BRD Groupe Société Générale (C-698/18 u C-699/18, EU:C:2020:537, punt 46).

[14] Ara l-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet.

l-osservazzjonijiet tagħhom fuq in-natura tad-deċiżjoni kkontestata u l-bażi legali li fuqha tistrieħ. Huma jfittxu li jinvokaw id-dispożizzjoni minima ta' armonizzazzjoni fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2014/61 sabiex jiġġustifikaw il-legalità tal-miżuri imposti fuq TOYA skont id-dritt nazzjonali [15].

31. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti [16]. F'dan il-każ nipproponi li l-ewwel neżamina l-għanijiet u l-kuntest tat-tliet direttivi li qed jiġu diskussi qabel ma nikkunsidra t-test tad-Direttiva 2014/61.

1. L-għanijiet u l-kuntest tad-direttivi rilevanti

32. Fl-2002, għadd kbir ta' direttivi u direttivi li jemendaw ġew ikkonsolidati bil-għan li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' swieq kompetittivi fil-qasam tat-telekomunikazzjoni. Id-Direttiva Qafas kienet tipprovdi li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jiddefinixxu s-swieq rilevanti skont il-prinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni u jidentifikaw operaturi b'SSS li fuqhom jistgħu jiġu imposti ċerti obbligi sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' tali swieq kompetittivi. Ġew adottati erba' direttivi speċifiċi, inkluż id-Direttiva tal-Aċċess li tirregola l-aċċess għal u l-interkonnessjoni ta' networks tat-telekomunikazzjoni. Il-leġiżlazzjoni li ġiet ippromulgata fl-2009 enfasizzat il-ħtieġa li jiġu inkoraġġiti l-investiment, l-innovazzjoni u n-networks tal-ġenerazzjoni li jmiss filwaqt li ma tbiddlux l-għanijiet u l-prinċipji regolatorji li jinsabu fil-pakkett ta' direttivi adottati fl-2002 [17].

33. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-pakketti leġiżlattivi tal-2002 u l-2009 kien it-titjib tal-kompetizzjoni billi jiġi ffaċilitat li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimponu obbligi fuq operaturi b'SSS. Madankollu, id-Direttiva Qafas u d-Direttiva tal-Aċċess ipprevedew ukoll il-possibbiltà li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jimponu obbligi fuq operaturi li ma kellhomx SSS. Il-premessa 23 tad-Direttiva Qafas tirreferi għall-qsim tal-faċilitajiet għall-benefiċċju tal-ippjanar tal-ibliet, is-saħħa pubblika jew raġunijiet ambjentali, jekk possibbli permezz ta' ftehimiet volontarji. L-Artikolu 12 tad-Direttiva Qafas, kif emendat bid-Direttiva 2009/140/KE [18], huwa intitolat "Il-ko-lokazzjoni u l-użu komuni ta' elementi tan-network u faċilitajiet assoċjati għall-fornituri tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika". Dan ippermetta lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimponu rekwiżit li jaqsmu faċilitajiet, jew jieħdu miżuri biex jikkoordinaw ix-xogħlijiet pubbliċi, fuq termini oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji, f'ċerti ċirkustanzi u suġġetti għal kundizzjonijiet. L-użu tal-Artikolu 12 tad-Direttiva Qafas ma kienx jeħtieġ li awtorità regolatorja nazzjonali tagħmel konstatazzjoni minn qabel li operatur tat-telekomunikazzjoni kellu SSS [19]. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Aċċess ippermetta lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jinkoraġġixxu u jiżguraw aċċess u interkonnessjoni adegwati suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, bla ħsara għal miżuri li jistgħu jittieħdu fir-rigward ta' impriżi b'SSS [20].

[15] Ara l-punt 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[16] Sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, KPN (C-85/14, EU:C:2015:610, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[17] Ara, pereżempju, Savin, A., *EU Telecommunications Law*, Elgar European Law Series, 2018, Kapitoli 1 u 2.

[18] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8).

[19] Permezz tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Aċċess, ir-rekwiżit li l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 9 sa 13 tagħha jiġu imposti biss fuq dawk l-operaturi tat-telekomunikazzjoni meqjusa li għandhom SSS huwa ddikjarat li huwa bla ħsara għall-Artikolu 12 tad-Direttiva Qafas.

[20] L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva tal-Aċċess, li jipprovdi li r-rekwiżit li l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 9 sa 13 tagħha jiġu imposti biss fuq dawk l-operaturi tat-telekomunikazzjoni meqjusa li għandhom SSS, huwa wkoll bla ħsara għall-Artikolu 5(1) tagħha. Ara s-sentenzi tat-12 ta' Novembru 2009, TeliaSonera Finland (C-192/08, EU:C:2009:696), u tas-17 ta' Settembru 2015, KPN (C-85/14, EU:C:2015:610).

34. F'Mejju 2010, il-Kummissjoni ppubblikat l-Aġenda Diġitali Ewropea (iktar 'il quddiem l-"Aġenda Diġitali") bil-għan li jintraddu benefiċċji ekonomiċi u soċjali sostenibbli minn suq uniku diġitali msejjes fuq internet veloċi u ultraveloċi [21]. Hija qieset li, mingħajr intervent, kien hemm ir-riskju ta' eżitu subottimali, b'networks tal-broadband veloċi kkonċentrati fi ftit żoni b'densità għolja u bi spejjeż tad-dħul sinjifikattivi u prezzijiet għoljin. Dan wassal għall-adozzjoni ta' żewġ inizjattivi li huma rilevanti fil-kuntest ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

35. L-ewwel, f'Settembru 2010, il-Kummissjoni ħarġet ir-Rakkomandazzjoni 2010/572/UE [22] dwar l-aċċess irregolat għan-Netwerks ta' Aċċess tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGA). Din ir-rakkomandazzjoni tkopri prinċipalment ir-rimedji imposti fuq operaturi meqjusa li għandhom SSS fuq il-bażi ta' proċedura ta' analiżi tas-suq imwettqa skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva Qafas. Madankollu, fejn kien iġġustifikat minħabba li d-duplikazzjoni tal-infrastruttura tkun ekonomikament ineffiċjenti jew fiżikament mhux prattikabbli, l-Istati Membri setgħu jimponu wkoll obbligi ta' kondiviżjoni reċiproka tal-faċilitajiet fuq impriżi li joperaw network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva Qafas, li jkunu adattati sabiex jiġu megħluba ostakoli fl-infrastruttura tal-inġinerija ċivili u s-segmenti ta' terminazzjoni.

36. Separatament, l-Aġenda Diġitali pproponiet li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li xogħlijiet ta' inġinerija ċivili pubbliċi u privati jipprovdu sistematikament għal networks tal-broadband u wajers fil-bini, l-ikklerjar tad-drittijiet tal-passaġġ u l-immappjar ta' infrastruttura passiva disponibbli adattata għall-kejbils [23]. Din l-inizjattiva finalment wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 2014/61, li għandha l-għan li tiffaċilita u tinċentiva l-introduzzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja billi tippromwovi l-użu konġunt ta' infrastrutturi fiżiċi eżistenti u billi tippermetti installazzjoni iktar effiċjenti ta' infrastrutturi fiżiċi ġodda sabiex tali networks ikunu jistgħu jinfirxu bi spiża iktar baxxa [24].

2. It-test tad-Direttiva 2014/61

37. It-test tad-Direttiva 2014/61 jagħmilha ċara li l-applikazzjoni tagħha ma hijiex limitata għal sitwazzjonijiet fejn l-operaturi jitqiesu bħala li għandhom SSS, jew fejn is-swieq ma humiex effettivament kompetittivi. L-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2014/61 jindirizzaw l-aċċess għal u t-trasparenza dwar l-infrastruttura fiżika eżistenti. L-operaturi tan-networks tal-enerġija, tal-ilma, tat-trasport u ta' utilitajiet oħra, kif ukoll il-fornituri tan-networks tal-komunikazzjonijiet pubbliċi, għandhom id-dritt li joffru aċċess għall-infrastruttura fiżika. Hemm obbligu, li japplika għall-operaturi tan-network b'mod ġenerali u mhux biss għal dawk meqjusa li għandhom SSS, li jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha għal aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħhom skont termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli, inkluż il-prezz, bil-ħsieb li jiġu installati elementi ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja [25]. Fejn l-aċċess jiġi miċħud, jew ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim dwar termini u kundizzjonijiet speċifiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe parti tkun tista'

[21] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, Aġenda Diġitali għall-Ewropa, 19 ta' Mejju 2010 (COM(2010)245 final).

[22] ĠU 2010, L 251, p. 35.

[23] Ara t-taqsima 2.4.1 tal-Aġenda Diġitali; il-punt 9 tal-azzjonijiet prijoritarji stabbiliti fl-Att dwar is-Suq Uniku II, "Flimkien għal tkabbir ġdid", ippubblikat mill-Kummissjoni f'Ottubru 2012; u l-premessi 1 sa 10 tad-Direttiva 2014/61.

[24] L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/61.

[25] L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2014/61.

tirreferi l-kwistjoni lill-korp nazzjonali kompetenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim [26]. Dak il-korp għandu mbagħad jieħu deċiżjoni vinkolanti biex isolvi t-tilwima, billi jistabbilixxi termini u kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli għal tali aċċess, inkluż il-prezz fejn xieraq [27].

38. Skont il-premessa 12 tad-Direttiva 2014/61, fejn japplikaw miżuri regolatorji iktar speċifiċi (*lex specialis*), dawn għandhom jieħdu preċedenza fuq id-drittijiet u l-obbligi minimi previsti f'din id-direttiva. (*lex generalis*). Id-Direttiva 2014/61 għalhekk hija ddikjarata li hija bla ħsara għall-qafas regolatorju stabbilit fid-Direttiva Qafas u fid-Direttiva tal-Aċċess. Il-premessa 17 tad-Direttiva 2014/61 tistipula li l-obbligi ta' aċċess għall-infrastruttura fiżika imposti fuq impriżi meqjusa li għandhom SSS huma diġà koperti minn obbligi regolatorji speċifiċi u li dawn l-obbligi ma humiex affettwati mid-Direttiva 2014/61. Il-premessa 31 tirreferi għall-possibbiltà li l-Istati Membri jistgħu, abbażi tal-Artikolu 12 tad-Direttiva Qafas, ikunu diġà ħadu miżuri relatati mal-kolokazzjoni u l-qsim ta' elementi tan-network u faċilitajiet assoċjati [28].

39. Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-għan tad-Direttiva 2014/61 huwa li tiżgura d-disponibbiltà ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika ta' veloċità għolja, meqjusa bħala l-infrastruttura diġitali tas-soċjetà ta' għada. Id-Direttiva 2014/61 għandha applikazzjoni transettorjali u tirrikorri għal mekkaniżmi regolatorji bħat-trasparenza, is-superviżjoni amministrattiva u r-riżoluzzjoni tat-tilwim għal skopijiet oħra minbarra l-faċilitazzjoni tal-kompetizzjoni fiha nnifisha. Din tistabbilixxi dritt usa' għat-talba u l-kisba ta' aċċess għal infrastruttura fiżika milli jeżisti fir-rigward ta' operaturi meqjusa li għandhom SSS skont id-Direttiva Qafas u d-Direttiva tal-Aċċess. Peress li d-Direttiva Qafas u d-Direttiva tal-Aċċess jipprevedu wkoll il-possibbiltà li jimponu obbligi ta' aċċess fuq fornituri li ma humiex meqjusa li għandhom SSS, ma jeżisti ebda kunflitt jew kontradizzjoni bejn dawn id-direttivi u d-Direttiva 2014/61.

40. Għalhekk, id-Direttiva tal-Aċċess ma tipprekludix awtorità regolatorja nazzjonali milli timponi kundizzjonijiet għal aċċess għall-infrastruttura fiżika fuq operaturi li ma humiex meqjusa li għandhom SSS. Fi kliem ieħor, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jimponu kundizzjonijiet skont id-Direttiva 2014/61 fl-assenza ta' kwalunkwe konstatazzjoni li s-suq rilevanti ma huwiex effettivament kompetittiv.

41. Fl-indirizzar tat-tieni element tal-ewwel domanda, jiġifieri jekk id-Direttiva 2014/61 tipprekludix lil awtorità regolatorja nazzjonali milli timponi kundizzjonijiet fl-assenza ta' tilwima dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika, huwa rilevanti li skont l-Artikolu 1(2) tagħha jistabbilixxi rekwiżiti minimi. L-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2014/61 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri f'konformità mad-dritt tal-Unjoni li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti bid-Direttiva bil-għan li jintlaħqu aħjar l-għanijiet li tiġi ffaċilitata u inċentivata l-introduzzjoni ta' networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi b'veloċità għolja permezz tal-promozzjoni tal-użu konġunt ta' infrastrutturi fiżiċi eżistenti u billi tippermetti installazzjoni iktar effiċjenti ta' infrastrutturi fiżiċi ġodda sabiex tali networks ikunu jistgħu jinfirxu bi spiża iktar baxxa [29].

[26] L-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2014/61.

[27] L-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2014/61.

[28] Ara l-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet. Kunsiderazzjoni tat-test tad-Direttiva 2014/61 f'numru ta' lingwi oħra, inklużi l-Ispanjol, il-Franċiż, it-Taljan, l-Olandiż, il-Pollakk u l-Portugiż, twassal għall-istess konklużjoni.

[29] Ara, f'sens simili, il-premessa 11 tad-Direttiva 2014/61.

42. Filwaqt li d-Direttiva 2014/61 għalhekk tipprevedi li l-għanijiet tagħha jintlaħqu billi jiġi riżolt tilwim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għal aċċess, inkluż il-prezz, fuq bażi *ex post*, jiġifieri, wara li jkun inqala' tali tilwim, miżuri nazzjonali adottati bil-ħsieb sabiex jintlaħqu aħjar dawn l-għanijiet, iżda li jmorru lil hinn minn dawk previsti fid-Direttiva 2014/61, huma permessi [30].

43. Il-Kummissjoni tqis li l-approċċ *ex ante* previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali huwa maħsub biex jiffaċilita t-tneħħija ta' ostakoli sinjifikattivi għal aċċess għall-infrastruttura fiżika. Il-Kummissjoni u l-Gvern Pollakk jindikaw li l-approċċi *ex ante* u *ex post* it-tnejn iservu biex jiffaċilitaw il-kisba tal-għanijiet tad-Direttiva 2014/61. F'dan il-kuntest huwa interessanti li jiġi osservat li, skont ir-rapport fil-qosor tal-konsultazzjoni pubblika dwar l-evalwazzjoni u r-reviżjoni tad-Direttiva 2014/61, il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu huma tal-fehma li diffikultajiet biex jintlaħaq ftehim dwar termini u kundizzjonijiet għall-aċċess mal-proprjetarji tal-infrastruttura fiżika, u proċess ta' riżoluzzjoni tat-tilwim bil-mod jew ineffettiv (l-approċċ *ex post*), iwasslu għal introduzzjoni iktar għolja u/jew fit-tul tan-networks. Għalhekk ma huwiex irraġonevoli li jiġi ppostulat li l-approċċ *ex ante* apparentement iffaċilitat mil-leġiżlazzjoni Pollakka rilevanti jista', f'termini ta' faċilitazzjoni tal-kisba tal-għanijiet intiżi tiegħu, ikollu ċerti vantaġġi fuq l-approċċ *ex post* deskritt fid-Direttiva 2014/61.

44. Fil-fehma tiegħi, jekk il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-approċċ *ex ante* previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jikkondividi l-istess għanijiet bħal dak tal-approċċ *ex post* li jinsab fid-Direttiva 2014/61, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali hija fil-prinċipju kompatibbli ma' din id-direttiva.

V. Konklużjoni

45. Għalhekk nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja):

L-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess), moqri flimkien mal-Artikolu 3(5) u mal-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, ma jipprekludix awtorità regolatorja nazzjonali milli timponi fuq operatur li għandu infrastruttura fiżika u li fl-istess ħin huwa fornitur ta' servizzi jew networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament, iżda ma jkunx meqjus li għandu setgħa sinjifikattiva fis-suq, l-obbligu li jiġu applikati l-kundizzjonijiet għall-aċċess għal dik l-infrastruttura fiżika tal-operatur iddeterminati *ex ante* minn dik l-awtorità, inklużi r-regoli u l-proċeduri għad-dħul f'kuntratti u t-tariffi tal-aċċess applikabbli, irrispettivament mill-eżistenza ta' tilwima dwar l-aċċess għall-infrastruttura fiżika ta' dan l-operatur u l-eżistenza ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq.

[30] L-Artikolu 3(2) sa (5) tad-Direttiva 2014/61.